PR230297

**24/02/2023**

# STQARRIJA MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI Workshop dwar informazzjoni miġbura mill-ispazju biex tintuża f'setturi varji

Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (l-MCST), f'kollaborazzjoni ma' EURISY – għaqda tal-aġenziji spazjali, organizza workshop u laqgħa ta' informazzjoni bit-titlu "e-shape solutions: Unlocking the potential of Earth Observation data for climate change and urban areas".

Dan l-avveniment ittella' sabiex jippromwovi l-użu ta' informazzjoni miġbura mill-ispazju permezz tal-Osservazzjoni mis-Satelliti biex tintuża f'diversi proġetti inkluż dawk relatati mal-klima u l-ilma, kif ukoll l-importanza tal-użu ta' din l-informazzjoni fl-operat ta' kuljum ta' entitajiet li jaħdmu fil-qasam. Ġew preżentati wkoll proġetti pilota li juru kif l-informazzjoni miġbura tista' tiġi aċċessata mill-partijiet interessati.

Waqt il-workshop ipparteċipaw diversi mistiedna minn diversi entitajiet Maltin u organizzazzjonijiet Internazzjonali fosthom l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) kif ukoll il-European Association of Remote Sensing Companies (EARSC), fejn ippreżentaw ix-xogħol tagħhom dwar ix-xjenza tal-Osservazzjoni mis-Satelliti.

Fid-diskors tiegħu waqt il-workshop, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Keith Azzopardi Tanti enfasizza dwar ix-xogħol li qed iwettaq il-gvern biex jippromwovi inizjattivi relatati mal-ispazju, fejn kull sena qed ikompli jżid il-budget fis-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni.

"Permezz tal-ftehim ta' kooperazzjoni li għandna mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (l-ESA), sas-sena d-dieħla Malta se tingħaqad f'pjan biex tikkollabora ma' pajjiżi oħra Ewropej biex pajjiżna ikompli jkollu opportunitajiet ġodda fil-qasam spazjali," qal is-Segretarju Parlamentari Azzopardi Tanti.

Il-Kap Eżekuttiv tal-MCST Silvio Scerri laqa' l-imsieħba preżenti u esprima l-fatt li hemm numru ta' possibilitajiet fl-użu tat-teknoloġija fil-qasam tal-ispazju li jista' jwassal għal tkabbir ekonomiku f'diversi setturi. "Ħafna mill-attivitajiet tagħna ta' kuljum jiddependu fuq il-konnettività tas-satellita u l-informazzjoni li toħroġ minnha tista' twassal għal diversi benefiċċji fosthom ambjentali, kif ukoll ekonomiċi," sostna s-Sur Scerri filwaqt li kompla jispjega li dawn is-satelliti joffru informazzjoni preċiża fuq diversi suġġetti u għaldaqstant jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal min jkun qed ifassal policies varji.

This website uses cookies to ensure you get the best experience on our website. Learn more

Got it!

Allow cookies

lokali u internazzjonali fil-qasam tax-Xjenza tal-Osservazzjoni mis-Satelliti.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jżur is-sit web: **http://mcst.gov.mt/space-directorate/** jew jibgħat email fuq **space.mcst@gov.mt**.

---







This website uses cookies to ensure you get the best experience on our website. Learn more

Got it!

Allow cookies